**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 24 ta' Jannar 2020**

**Kumpilazzjoni numru 34/20CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Robert Dimech**
**(ID: 440171M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Robert Dimech** li ġie akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda; u ċioè

Talli f'xi ħin fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Jannar 2020, minn ġewwa fond St. George's House, fi Pjazza San Franġisk, Ħal Qormi:

1. Ikkommetta serq ta' għodod ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur (li mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' Joseph (Joseph Noel) Cassar u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

Akkużat ukoll talli f'xi ħin fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Jannar 2020, minn ġewwa fond St. George's House, fi Pjazza San Franġisk, Ħal Qormi:

2. Ikkommetta serq ta' għodod ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur (li mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' Joseph (Joseph Noel) Cassar u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

Akkużat ukoll talli f'xi ħin fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Diċembru 2019, minn ġewwa fond 147, Triq il-Kbira, Ħal Qormi:

3. Kien kompliċi f'delitt ta' serq ta' għodod ikkwalifikat bil-valur (li mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' Angela Borg u/jew Maxine Borg u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

Akkużat ukoll talli għall-ħabta tad-20.45 ta' filgħaxija, ta' nhar it-30 ta' Diċembru 2019, fi Triq il-Kuċċard Ħal Safi:

4. Kien kompliċi f'delitt ta' serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-ħin għad-dannu ta' Alfred Polidano u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

Akkużat ukoll talli xi ġranet bejn is-27 ta' Diċembru 2019 u t-22 ta' Jannar 2020, minn ġewwa 21, Sqaq San Rafel, Nru 2, Ħal Qormi:

5. Ikkometta serq ta' għodod ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur (li mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), bil-persuna u bil-ħin għad-dannu ta' Shaun Paul Friġġieri u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

Akkużat ukoll talli xi ġranet bejn is-27 ta' Diċembru 2019 u t-22 ta' Jannar 2020, f'dawn il-gżejjer:

6. Xjentament laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

U aktar talli għamel reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin, mogħtija mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. nhar l-20 ta' Ġunju 2016;

Barra minn dan, l-imputat Robert Dimech huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija

defenittiva u ma tistax tiġi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija però għandu fedina penali refrettarja ħafna.

Illi l-Qorti wara li ħadet dan kollu in konsiderazzjoni, hija tal-opinjoni illi fir-rigward tar-reati odjerni hija għandha timponi piena karċerarja filwaqt li fir-rigward tal-ksur tas-sentenza sospiża, it-terminu operattiv għandu jerġa' jibda mil-lum sabiex l-imputat ikollu deterrent biex jibqa' fit-triq it-tajba anke wara li jiskonta l-piena karċerarja.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 28B, 42 (d), 49, 50, 263, 267, 268, 270, 289, u 334 (a) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Robert Dimech** ħati, bħala reċidiv, tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena **erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija effettiva.**

Fir-rigward tat-twettiq ta' reati fit-terminu tal-perjodu operattiv tas-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2016, il-Qorti qiegħda teżerċita d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-artikolu 28B (2) (b) tal-Kodiċi Kriminali u filwaqt li tiddikjara illi l-ħati wettaq reati fit-terminu ta' perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, qiegħda tibdel l-istess ordni u tordna li l-perjodu operattiv ta' erba' snin jerġa' jibda jiddekorri mil-lum stess.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur